

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

18.2.2009

0024/2009

DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB

imressqa skont l-Artikolu 116 tar-Regoli ta' Proċedura

minn Dushana Zdravkova, Urszula Gacek, Marian-Jean Marinescu, Panayiotis Demetriou u Stavros Lambrinidis

dwar it-tneħħija tar-rekwiżiti ta' viżi mill-Istati Uniti għaċ-ċittadini tal-Istati Membri tal-UE

Data ta' skadenza: 7.5.2009

**Dikjarazzjoni bil-miktub dwar it-tneħħija tar-rekwiżiti ta' viżi mill-Istati Uniti għaċ-
ċittadini tal-Istati Membri tal-UE**

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Artikolu 116 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi mill-2001 'l hawn iċ-ċittadini tal-Istati Uniti kienu eżentati mir-rekwiżit ta' viża biex jivvjaġġaw lejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea,
- B. billi għad hemm rekwiżiti ta' viżi għaċ-ċittadini tal-Bulgarija, Ċipru, il-Greċja, il-Polonja u r-Rumanija li jivvjaġġaw lejn l-Istati Uniti,
- C. billi s-setgħa tal-Amministrazzjoni attwali tal-Istati Uniti li tifrex il-Programm tal-Eżenzjoni tal-Viża teskadi fit-30 ta' Ġunju 2009,
 1. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Gvern tal-Istati Uniti biex jikkonkludu n-negozjati bil-ħsieb li ċ-ċittadini tal-UE li jidħlu fl-Istati Uniti jkunu jistgħu jibbenefikaw minn vjaġġar mingħajr viżi qabel l-elezzjonijiet Ewropej fl-2009;
 2. Jistieden lill-Istati Uniti biex tapplika eżattament l-istess kundizzjonijiet għad-dħul fit-territorju tagħha miċ-ċittadini tal-Bulgarija, Ċipru, il-Greċja, il-Polonja u r-Rumanija bħal dawk li tapplika għaċ-ċittadini tal-Istati Membri l-oħra, filwaqt li tiggarrantixxi l-ħarsien sħiħ tad-dejta personali tal-vjaġġaturi Ewropej;
 3. Ifakkar li l-Kummissjoni diġà pproponiet miżuri definnittivi biex tiżgura li l-Istati Uniti tittratta ċ-ċittadini kollha tal-Istati Membri tal-UE ugwalment fir-rigward tas-sistema tal-viżi, fuq il-bażi ta' reċiproċità sħiħa;
 4. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tagħmel dikjarazzjoni uffiċjali li tippreżenta b'mod ċar l-istatus attwali tan-negozjati u l-passi speċifiċi ppjanati bil-ħsieb li jiġi ssodisfat il-mandat mogħti lilha mill-Kunsill li tinnegozja ftehim li taħseb għall-eżenzjoni tal-viżi għaċ-ċittadini kollha tal-UE;
 5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-parlamenti u l-gvernijiet tal-Istati Membri, lill-Kungress tal-Istati Uniti u lis-Segretarju għas-Sigurtà Interna.